Tagħrif fuq il-Mellieħa mill-Manuskritti

# Pietro Portelli u l-Qolol tan-Naħal ħdejn is-Santwarju 1579

*Magna Curia Castellaniae.*
*Reg. Actorum Originalium An 1582-1583. Unnumbered fol.*

✍ Jimmy Muscat





F'dan id-dokument interessanti nsibu lil ***Petro Bortelli,*** Pietru Portelli, minn Casal Musta, ħaddiem fqir u serv fidil tal-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur, umilment qiegħed jitlob li, wara li ilu mal-20 sena, sforz id-devozzjoni li għandu lejn il-knisja magħrufa bħala ta' Santa Marija li tinsab fil-***Melleeha***, jixgħel kull nhar ta' Sibt u jara li jingħadu l-vespri u jsir il-quddies fil-festa ddedikata lin-Nativita` tas-Sinjura tagħna fl-imsemmija knisja, fejn in-nies ta' dawn il-gżejjer tal-Illustrissima Sinjurija Tiegħu sa mill-qedem kif ukoll sal-lum kienet dejjem devotissima, kif ukoll li fost il-knejjes l-oħra li hawn fil-gżira hi baqgħet tiġi miżmuma sew u frekwentata dejjem, kif jista' jixhed hu stess, u l-aktar meta l-gżira kienet nieqsa mix-xita, meta ġew bi proċessjoni ġo din il-knisja kif ukoll meta fil-festa Tagħha waslet l-għajnuna jew ***Soccorso*** u l-gżira ġiet meħlusa mill-għedewwa waqt l-Assedju.

U peress li s-supplikant, dment li jibqa' ħaj, ma hux beħsiebu jabbanduna s-servizz li qiegħed jagħti lil din il-knisja, iżda jibqa' sal-aħħar, u peress li din tinsab f'post maqtugħ u 'l bogħod minn kull abitazzjoni, u hu jinsab fqir u mgħobbi bil-familja tiegħu, beda jżomm diversi qolol tan-naħal qrib l-imsemmija knisja fejn, għal diversi snin sofra danni mir-riħ, mill-maltemp kif ukoll mill-annimali ta' xi wħud li jidħlu f'dawk l-ispazji pubbliċi tal-***Melleeha*** u allura l-qolol ġew fil-ftuħ għax ma kellhomx l-ilqugħ tal-ħitan kif suppost.

Allura hu qiegħed jinżel għarkopptejh quddiem l-Illustrissima u Reverendissima Tiegħu l-Prinċep biex bil-ħniena jitolbu jagħtih żewġt itmien art qrib l-imsemmija knisja għal ħajtu, bi dħul, ħalli jkun jista' jgħajjex 'il-familja tiegħu, kif ukoll il-permess li jdawwarhom bil-ħitan tas-sejjieħ ħalli jkun jista' jkennen sewwa l-qolol tan-naħal tiegħu mir-riħ u mill-annimali, u sal-mewt hu jibqa' obbligat li jieħu ħsieb l-imsemmija knisja. Hu jitlob ukoll lil Alla l-imbierek li jagħti ħajja twila u kuntenta lis-Sinjurija Illustrissima Tiegħu.

Din it-talba ta' Pietro Portelli, għal żewġt itmien art, intlaqgħet nhar is-26 ta' Awwissu 1579, u l-permess ingħata mill-Palazz tal-Gran Mastru Jean de La Cassiere.